MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 48

It-Tnejn, 21 ta' Mejju, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Joseph Cutajar (JC) Sindku

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Baldacchino ippresjeda l-laqgħa.

## 48.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

48.1.1. Il-Viċi Sindku JB informa li s-Sindku ma setax ikunu preżenti u talab li jkun skużat.

48.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 48.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

48.2.1. Il- Viċi Sindku JB ressaq il-minuti tas-sitta u erbgħin (46) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

**NB – 5.35pm: Il-Kunsillier JBO attenda għal-laqgħa**

48.2.1.1. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 46.3.1.2, u talab li jiżdied it-test "liema suġġeriment sar permezz ta' korrispondenza mis-Sur Aaron Gusman, fl-aħħar tal-minuta. Il-Kunsill qabel unanimament.

48.2.1.2. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 46.3.12, u talab li tiżdied il-kelma "mhux" qabel il-kliem "skedat", u "ta'". Il-Kunsill qabel unanimament.

48.2.1.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 46.3.5.1, u talab li tiżdied il-kelma "iffinanzjat" qabel il-kelma "kollu". Il-Kunsill qabel unanimament.

48.2.1.4. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

48.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 46.2.5 li titratta l-proġett tal-ilma baħar tax-Xatt ta' San Ġorġ u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex aġġornament mill-Perit Vassallo. Huwa kien infurmat li l-Kunsill ma rċieva xejn. Il-Kunsill qabel li jerġa' jiġi avviċinat il-Perit, u jkun ikkupjat il-Ministru responsabbli.

48.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 46.2.18 li titratta l-ilma li joqgħod fejn il-pont tal-Bajja s-Sabiħa, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa tal-GHRC.

**NB 5.45pm: Il-Kunsilliera LAG attendiet għal-laqgħa**

48.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 46.4.2 li titratta *U-shape barriers* fi Triq San Ġwann. Huwa irrimarka li t-triq diġa' hija fiha *barrier* simili u għalhekk l-aċċess diġa huwa ristrett u talab rikonsiderazzjoni Il-Viċi Sindku irrimarka li ladarba ittieħdet deċizjoni għandha ssir riżoluzzjoni speċjali.

48.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 46.4.3 li tirrigwarda żona għall-għawm tal-klieb. Huwa kien infurmat dwar riċerka li saret, fuq dan is-suġġeriment.

48.2.5.1. Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu tabelli "No Pets Allowed" fil-bajjiet. It-tabelli għandhom jinkludu wkoll in-numru tal-avviż legali.

48.2.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 46.4.4 li titratta linji ta' parkeġġ fi Triq il-Kostituzzjoni. Huwa nforma li l-linji saru.

48.2.7. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-minuta 46.2.4 li titratta t-Trasport Pubbliku, u staqsiet għala rotta 80 m'għadiex topera.

48.2.7.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier JBO responsabbli mit-Trasport Pubbliku għandu jiġbor il-punti kollha għad-diskussjoni, liema punti jiġu diskussi waqt il-laqgħa mitluba ma' Transport Malta. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintalab informazzjoni dwar l-ilmenti li daħlu fuq ir-rotot ta' Birżebbuġa u x'azzjonijiet ittieħdu.

48.2.8. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-minuta 46.16.1 li tirrigwarda l-Ġemellaġġ mal-Belt ta' Pingtan. Hija talbet informazzjoni dwar x'ser jiġri minn dan il-ġemellaġġ u x'ser jirriżulta minnu.

48.2.8.1. Il-Kunsill qabel li l-ewwel il-Kunsill għandu jistenna l-eżitu tal-evalwazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, u sussegwentament, il-Kunsill jiddiskuti.

48.2.9. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuti 46.2.10 u 46.2.11 u 46.2.10 li jirrigwardjaw disinni ta' traffiku ta' Triq F.M. Ferretti u Triq il-Batterija u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li l-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit tal-Kunsill.

48.2.10. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 46.2.13 li titratta dwar xogħlijiet f'Bengħisa, u irrimarka li hemm wisq dewmien fix-xogħlijiet. Il-Kunsill qabel li tinġibed l-attenzjoni u l-Kunsill għandu jingħata pjan tax-xogħlijiet.

48.2.11. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 46.2.15 li titratta manutenzjoni ta' Triq Kalafrana, u staqsa jekk hemmx *commitment* uffiċjali. Huwa issuġġerixxa li jekk ma hemmx bil-miktub, il-Kunsill għandu jitlob għal tali konferma

48.2.12. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 46.2.17 li titratta fondi li l-Freeport jalloka għall-għaqdiet, u staqsa jekk waslitx informazzjoni. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

48.2.12.1. Il-Kunsillier SZ fakkar li dan il-fond huwa obbligu, u mhux *sponsorship* b'kapriċċ. Il-Kunsill qabel li issir verifika mas-sors tal-oriġini ta' dan l-obbligu.

48.2.13. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 46.3.9 partikolarment għaċ-ċaqliq tal-Monti, u staqsa għalxiex l-affarijiet ma mxewx ma' dak maqbul. Huwa qal ukoll li mhux veru li kien hemm pjan u kollox kien preparat.

48.2.13.1. Il-Viċi Sindku irrimarka li l-ewwel Ħamis sar kif maqbul, iżda l-pjan kif maqbul ma ħadimx, minħabba numru t' oġġezzjonijiet, ġie restritt l-aċċess għall-iskola, bejjiegħa li ma kkoperawx, kif ukoll inħolqot konfużjoni fit-traffiku. Kien għalhekk li dan intrama fi Triq il-Port Ħieles. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li saret laqgħa mal-bejjiegħa tal-Monti, fejn dan kollu ġie maqbul magħhom.

48.2.14. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 46.4.9 li titratta xogħlijiet ta' modifika *f'Zebra Crossing* fi Triq F.M. Ferretti. Huwa kien infurmat li x-xogħol isir kif il-Kunsill jingħata l-ħaddiema mir-Reġġjun.

48.2.15. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 46.3.3 li tirrigwardja Planning Gain marbuta ma' Applikazzjoni PA5548/10, *Proposed Malta International Airport Master Plan*. Huwa kien infurmat, li kif maqbul mill-Kunsill. intbagħtet ittra mill-Avukat tal-Kunsill lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

48.2.16. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 46.2.2 li titratta linji ta' Triq il-Port Ħieles. Huwa informa li l-Perit għadu ma kkonkludix l-aġġornament fid-disinn.

48.2.17. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 46.2.6 li titratta twaħħil ta' *impact bollards* quddiem Triq iż-Żejtun. Huwa informa li ntbagħtet *reminder* lil Transport Malta.

48.2.18. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 46.2.7 li titratta laqgħa mal-GHRC dwar riġenerazzjoni. Huwa informa li din ġiet skedata kif infurmati l-Kunsilliera.

48.2.19. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-minuta 46.2.9 li tirrigwarda tindif ta' ġebel minn art fi Triq tal-Ġebel. Huwa informa li beda x-xogħol ta' tindif bħala parti mill-proġett ta' asfaltar.

48.2.20. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tas-sebgħa u erbgħin (47) laqgħa tal-Kunsill li saret b'urġenza, u li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

48.2.20.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LAG favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 48.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

48.3.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq komunikazzjoni għan-nom tas-Sindku

48.3.2. Il-Viċi Sindku JB informa dwar laqgħa li saret ma' operatur, li offra servizz ta' ġbir ta' tessuti wżati fil-lokalita'. Il-Viċi Sindku JB ta d-dettalji dwar dan il-proġett, skont kif mgħoddija mill-operatur.

48.3.2.1. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel unanimament li ma jipparteċipax.

48.3.3. Il-Viċi Sindku JB informa dwar laqgħa li saret ma' rappreżentanti tad-Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni ta' Mard, fejn ġie diskuss li jitkompla il-proġett tal-Aerobics.

48.3.3.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

48.3.4. Il-Viċi Sindku JB informa dwar laqgħa li saret ma' rappreżentanti ta' OK Medical dwar studju fuq nuqqas ta' smiegħ.

48.3.4.1. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa.

48.3.5. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Sur David Zammit Dimech li tirrigwarda l-iżvilupp residenzjali ser isir fil-Qajjenza.

48.3.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsillieri qablu li tintalab l-assistenza tal-konsulent tal-Kunsill, u sussegwentament, ir-resident jiġi mgħoti tweġiba.

48.3.6. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza mibgħuta mill-iskola primarja tal-lokalita', b'numru ta' suġġerimenti mressqa mit-tfalli ipparteċipaw f'attivita' ta' tindif organizzata mill-istess skola.

48.3.6.1. Il-Kunsill qabel li jsiru ix-xogħlijiet suġġeriti, li huma ta' natura zgħira. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni għandu jaħdem mat-tfal, anke jekk permezz ta' sotto kumitat. Il-Kunsill qabel ukoll li x-xogħlijiet li ser isiru insegwitu tas-suġġerimenti tat-tfal, għandhom jiġu reklamati f'dan ir-rigward.

48.3.7. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza dwar ilma li qed joqgħod fi Triq iż-Żibra li allegatament niżlet.

48.3.7.1. Il-Kunsill innota l-kontenut, iżda ma tteħditx deċiżjoni minħabba prijoritajiet.

48.3.8. Il-Viċi Sindku JB ressaq talba mingħand is-Sur Vincent McIntyre li talab lill-Kunsill jikkunsidra spazju ta' parkeġġ riservat għall-bejjiegħ f'Misraħ is-Summit.

48.3.8.1. Il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni.

48.3.8.2. Il-Kunsill qabel li l-bankina li tkissret fl-istess post tiġi rranġata.

48.3.9. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza riċevuta minn Dr Carabott rigward it-tabelli li hemm fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni fejn talab li jiġu riveduti t-tabelli fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni, fir-rigward ta' tpoġġija ta karrijiet tad-dgħajjes.

48.3.9.1. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu riveduti, u jkun indikat ċar li l-karrijiet għandhom ikunu marbutin mal-vetturi, bis-sinjali ta' reġistrazzjoni.

48.3.10. Il-Viċi Sindku JB informa dwar talba riċevuta mis-Sur Stephen Galea sabiex ikollu aċċess għax-Xatt ta' San Ġorġ, sabiex ikun jista jipparkja, peress li huwa bi bżonnijiet speċjali.

48.3.10.1. Il-Kunsill qabel li din iż-żona diġa' jista' jsir un/loading, iżda mhux permessibli li vetturi jiġu parkeġġati.

48.3.11. Il-Viċi Sindku JB ressaq talba imressqa mid- Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni ta' Mard rigward l-attivita' Smoking Cessation, attivita' ta' għarfien dwar it-tipjip, fil-Bajja s-Sabiħa, nhar is-Sibt 29 ta' Settembru.

48.3.11.1. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' permess tal-attivita', suġġetta għall-kundizzjonijiet normali tal-Kunsill.

48.3.12. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza mibgħuta mill-Onorevoli Julia Farrugia, fejn offriet li tiffinanzja u tirregala librerija żgħira fil-Bajja s-Sabiħa, fuq bażi personali,

48.3.12.1. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju. Il-Kunsill qabel li jitlob għal iktar dettalji dwar l-istruttura.

48.3.13. Il-Viċi Sindku JB informa dwar komunikazzjoni mgħoddija mil-Kunsilliera JBD fejn irrimarkat sabiex sir *sponsor* għal *cat kennels.*

48.3.13.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsilliera preżenti eskluż il-Viċi Sindku JB, qablu li jaċċettaw l-offerta, bil-kundizzjoni li m'għandux jiżdied spazju addizzjonali, iżda dawn għandhom jissostitwixxu l-kaxxi u l-imbarazz eżistenti.

48.3.14. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għall-kuntratt riċevut proprju dakinhar mill-MTA fir-rigward tal-finanzjament tax-xogħlijiet tal-grawnd tar-ramel fil-Bajja s-Sabiħa.

48.3.14.1. Il-Kunsill qabel mal-iffirmar tal-kuntratt kif propost.

48.3.15. Il-Viċi Sindku JB informa li proprju dakinhar, kien riċevut il-kuntratt mill-Awtorita' tal-Ippjanar marbut mal-asfaltar ta' parti minn Triq il-Qroll, permezz tad-*Development Planning Fund*.

48.3.16. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għall-kuntratt riċevut mill-Refab.

48.3.16.1. Il-Kunsill innota li tali kuntratt għandu jkun iktar speċifiku, u għalhekk, l-operatur għandu jagħti iktar informazzjoni qabel ma dan jiġi kkunsidrat mill-Kunsill.

48.3.17. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Sur Farrugia fejn fakkar dwar tmiem il-kirja tal-garaxx fi Triq Birżebbuġa. Is-Sur Farrugia informa li l-kirja wara l-iskadenza tal-kuntratt ser tirdoppja.

48.3.17.1. Il-Kunsill ħa nota, u qabel li l-garaxx għandu jitbattal sa l-aħħar ta' Mejju 2018.

48.3.18. Il-Viċi Sindku JB ressaq talba għal *no objection* mill-klabb tar-regatta sabiex jorganizzaw majjalata fit-28 ta' Ġunju 2018, fejn tisjir ser isir ġol-faċilitajiet tagħhom, madankollu talbu l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex jarmaw imwejjed u siġġijiet fil-parkeġġ.

48.3.18.1. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

48.4.1. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal-laqgħa li saret mar-residenti ta' quddiem il-Waterpolo Pitch, u staqsa x'kien l-eżitu.

48.4.1.1. Il-Viċi Sindku qal li waqt din il-laqgħa ġew diskussi numru ta' ħsibijiet imressqa mir-residenti. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex il-pubbliku preżenti jkunu jistgħu jgħaddu r-rimarki tagħhom. Il-Kunsill qabel unanimament.

**NB 19.55 Il-laqgħa ġiet xolta.**

**NB 20.15 Il-laqgħa tkompliet.**

48.4.1.2. Wara li kkunsidra l-ħsibijiet tar-residenti, fuq talba tar-residenti stess, il-Kunsill qabel li jikteb lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex isiru l-ispezzjonijiet u jekk huwa l-każ isir l-infurzar neċessarju, kif ukoll jiġi provdut rapport dwar il-każ.

48.4.2. Il-Kunsilliera LAG staqsiet dwar il-ħajt tal-Enemalta fi Triq Santa Katerina.

48.4.2.1. Il-Viċi Sindku JB informa li l-Enemalta ser jieħdu ħsieb it-tiswija ta' dan il-ħajt.

48.4.3. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-progress li sar fuq il-proġett fi Ġnien il-Kunsill. Huwa kien infurmat li l-Kunsill qed jistenna l-Awtorizzazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet.

48.4.4. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-progress tal-proġett ta' quddiem il-Waterpolo Pitch, sabiex jiżdied il-parkeġġ.

48.4.4.1. Huwa kien infurmat li intalbu l-kwotazzjonijiet neċessarji.

48.4.5. Il-Kunsillier AC staqsa jekk il-Kunsill irċeviex appuntament għal-laqgħa mar-rappreżentanti tal-Oil Tanking, sabiex possibilment jiffinanzjaw l-proġett ta' Bust ta' Dun Ġorġ Preca.

48.4.5.1. Huwa kien infurmat li għad ma kienx hemm risposta.

48.4.6. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar l-ispazju biswit il-Lukanda Water's Edge, u staqsa jekk kienx hemm progress fir-rigward tal-arbli tad-dawl.

48.4.6.1. Il-Kunsill kien infurmat li twaħħal arblu li ser ikun qed jissostitwixxi l-kanen u r-rifletturi l-antiki. Ix-xogħol ser jitkompla fil-ġranet li ġejjin.

48.4.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-għamara tal-bajjiet u staqsa dwar is-slielem tal-baħar.

48.4.7.1. Huwa kien nfurmat li dawn jiehdu ħsiebom il-Beach *Management* Unit, u normalment jibdew jitwaħħlu f'Ġunju.

## 48.5 Rapporti;

48.5.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 48.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

48.6.1. Il-Kunsillier AC irrapporta dwar laqgħa li saret mis-sottokumitat imwaqqaf sabiex jiddiskuti l-Festa tal-Lokalita', liema laqgħa inżammet fl-24 t'April u li għaliha attendew il-Kunsillieri LAG, AC, u SZ. Huwa irrimarka li waqt din il-laqgħa ġie innutat li ma hemmx postijiet alternattivi għan-nar, u għalhekk il-grupp ser jipproponi alternattivi oħra dwar armar. Il-membri talbu l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jiltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Każini sabiex jiġu diskussi l-alternattivi.

48.6.2. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillier AC minħabba kunflitt t'interess peress li huwa jokkupa wkoll il-kariga ta' Pesident ta wieħed mill-każini tal-baned. Madankollu l-Kunsillier AC enfasizza li hu ser jitkellem fl-interess tal-Kunsill.

48.6.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ta' l-awtorizzazzjoni sabiex isiru l-laqgħat neċessarji.

## 48.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

48.7.1. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 05/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

48.7.1.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka dwar l-ispejjeż li l-Kunsill kellu jassorbi minħabba l-introduzzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti

48.7.1.2. Il-Kunsill iddiskuta l-parteċipazzjoni u s-sapport tiegħu fiċ-Ċelebrazzjonijiet li nżammu relatati mar-rebħ tas-*shield* mill-klabb tar-Regatta. Il-Membri innutaw li deċizjonijiet għandhom jittieħdu mill-

Kunsilliera u mhux minn membru wieħed tal-Kunsill, kif ukoll il-bżonn ta’ pjanar għall-attivitajiet.

48.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier AC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

48.7.2. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta r-rapport ta’ nfiq mill-*Petty Cash* għal April 2018 bir-riferenza 04/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

48.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Kunsilliera JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

48.7.3. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar il-kwotazzjonijiet riċevuti minn inġinira għal studju u disinn tad-dawl eżistenti tal-Bajja s-Sabiħa, bħala parti mill-proġett kapitali tal-Kunsill.

48.7.3.1. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li m’għandhux jiġi ppreparat disinn tas-sistema eżistenti, issa għandu jsir re-wiring tal-parti difettuża u stallazzjoni ġdida tad-dwal fil-passaġġi.

48.7.4. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar *Merry Go Round* li inkisret fil-bandli ta’ San Ġorġ.

48.7.4.1. Il-Kunsill qabel li għandha ssir struttura ta’ logħob oħra adekwata, iżda mhux *merry go round.*

**NB: 8.30 pm Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tiġi estiża sa massimu ta’siegħa.**

## 48.8 Mozzjonijiet;

48.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 48.9 Applikazzjoni ta’ Żvilupp;

48.9.1. Il-Kunsill innota applikazzjoni bin-numru PA-03860/18 li tirrigwarda tpoġġija ta stuttura ta’ tinda, tpoġġija ta’ mwejjed u siġġijiet.

48.9.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li din l-applikazzjoni għandha tiġi diskussa fil-laqgħa mal-GHRC, u sussegwentament il-Kunsill jiddeċiedi.

## 48.10 Offerti Pubbliċi;

48.10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għad-dokument tal-offerta tax-xiri ta' vann għall-Kunsill, liema dokument ġie iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie ikkunsidrat bħala moqri.

48.10.1.1. Il-Kunsill approva unanimament id-dokument tal-offerta.

48.10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsillliera fir-rigward tal-ġranet tat-*tipper truck*, inkluz is-Sibt.

48.10.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li s-servizz tat-trakk għandu jintuża nhar ta' Sibt ukoll.

48.10.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Offerta għall-servizz ta' ġbir ta' skart imħallat mil-lokalita' Birżebbuġa b'metodu favur l-ambjent*,* fejn il-Bord irrakkomanda li tingħata lil irħas offerent li għadda mill-proċess tal-evalwazzjoni, li huwa *Progressive Solutions.*

48.10.3.1. Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla.

48.10.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-aġġudikazzjoni tal-offerta tal-latrini pubbliċi għada mhux konkluża. Huwa informa li nelfrattemp il-kuntratt eżistenti ser jiskadi.

48.10.4.1. Il-Kunsill qabel li sakemm tiġi konkluża, l-latrini pubbliċi jibqgħu joperaw bi kwotazzjonijiet.

48.10.4.2. Il-Kunsill qabel ukoll li ma tmiem il-kuntratt eżistenti, il-Kunsill jixtri s-sistemi ta' kameras li hemm diġa' imwaħħlin fil-post u li kienu imwaħħla mill-kuntrattur, għall-prezz ta' €400 eskluż il-VAT.

## 48.11 Bord tal-Evalwazzjoni tal-Offerti

48.11.1. Il-Kunsill qabel li l-bord eżistenti jiffinalizza l-evalwazzjonijiet li għaddejjin bħalissa.

48.11.2. Il-Kunsill qabel li l-offerti li jmiss, jiġi determinat bord skont il-każ.

## 48.12 Street Lighting;

48.12.1. Ma kienx hemm materji diskussi.

## 48.13 Attivitajiet tal-Kunsill;

48.13.1. Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' tar-Regatta fejn ġiet irrimarkata l-possibilta' li jkun hemm diffikulta' biex din tinżamm fit-30 ta' Ġunju.

48.13.2. Il-Kunsill qabel li għanda ssir konferma dwar dan mal-koordinatur.

## 48.14 Għeluq ta' Triq Żarenu Dalli waqt id-dħul u ħruġ tat-tfal tal-iskola

48.14.1. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilta' li minn Ottubru li ġej, Triq Żarenu Dalli tibda tingħalaq waqt il-ħinijiet ta ħruġ u dħul tat-tfal tal-iskola.

48.14.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

## 48.15 Xogħlijiet tal-Enemalta

48.15.1. Il-Kunsill innota li x-xogħol fiċ-ċentru u d-dħul ta' Birżebbuġa huwa għaddej b'ritmu mgħaġġel.

## 48.16 Rapport Annwali Amministrattiv;

48.16.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq ir-rapport Annwali Amministrattiv, liema dokument ġie iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant ġie ikkunsidrat bħala moqri.

48.16.2. Il-Kunsill approva ir-rapport imsemmi.

## 48.17 Linji ta' Parkeġġ

48.17.1. Il-Kunsillier AC issuġġerixxa li jsiru linji ta' parkeġġ fi Triq il-Fossili, fil-parti d-dritta fejn saru ir-*road humps*.

48.17.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament

48.17.2. Il-Viċi Sindku JB issuġġerixxa li l-linji ta' parkeġġ fi Triq San Edwardu, il-parti fejn ser isir xogħol ta' kostruzzjoni (LIDO), isiru man-naħa l-oħra tat-triq, minn Triq Alessanro lejn Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel unanimament

48.17.3. Il-Vici Sindku JB qal li fir-rampa li tinsab faċċata tal-każin tal-Parti Laburista, li tati għall-bajja ma hemmx tabelli li vetturi ma jisgħux jidħlu.

48.17.3.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru t-tabelli neċessarji ta' *No Entry Except for access to garages.*

48.17.4. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar is-suġġeriment mill-MTA sabiex isiru numra ta' spazju ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' fejn hemm il-ħanut "Anġolina", u dan sabiex jikkumplimenta l-*hoist* li huwa mistenni jitwaħħal f'din iż-żona għal użu tal-persuni bi bżonnijiet differenti.

48.17.4.1. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom isiru tali spazji ta' parkeġġ minħabba li jinħoloq periklu.

48.17.5. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar l-ispazju ta' parkeġġ riservat għall-Kunsill f'Misraħ is-Summit, u ssuġġerixxa li tinqaleb ma' dik ta' spazju ta' parkeġġ normali.

48.17.5.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

48.17.6. Il-Kunsill qabel li ssir talba sabiex l-ispazju riservat għat-trasport pubbliku f'Misraħ is-Summit jonqos minħabba nuqqas ta' użu.

48.17.7. Il-Viċi Sindku JB informa dwar talba li saret minn resident sabiex fi Triq il-Kummerċ isiru linji ta' parkeġġ.

48.17.7.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

48.17.8. Il-Kunsill tkellem dwar senjalazzjoni fi Triq San Filippu kantuniera ma' Triq il-Kummerċ, fejn ġie propost li l-pjazzetta issir bħal *roundabout* u b'hekk jitnaqqsu l-inċidenti.

48.17.8.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

48.17.9. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar talba riċevuta sabiex fi Triq id-Duluri faċċata tal-forn, jitneħħa parti mil-linji sofor u b'hekk jiżdied il-parkeġġ.

48.17.9.1. Il-Kunsill qabel li jekk il-wisa' tat-triq tippermetti, għandu jsir aġġustament fis-sinjali.

48.17.10. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar talba ricevuta sabiex fi Triq id-Duluri biswit il-parkeġġ dijagonali, isir spazju ta' parkeġġ parallel mal-bankina.

48.17.10.1. Il-Kunsill qabel li jekk il-wisa' tat-triq tippermetti, għandu jsir aġġustament fis-sinjali.

48.17.11. Il-Kunsillier SZ informa li fir-rigward tas-sistema tat-traffiku proposta fil-laqgħa preċedenti li tinkorpora Triq iż-Żurrieq u t-toroq tal-madwar, hemm bżonn ta xi mofifiki żgħar.

48.17.11.1. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn l-aġġustamenti u jiġi ċirkulat id-disinn il-ġdid.

## 48.18 Rimi ta' Assi tal-Kunsill;

48.18.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq lista ta' assi sabiex jinqatgħu mill-inventarju tal-Kunsill, liema lista ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġiet unanimament ikkunsidrata bħala moqrija. (Anness Dok B)

48.18.2. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni favur li jinqatgħu l-assi imsemmija mil-inventarju tal-Kunsill, issekondata mill-Kunsilliera LAG. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 48.19 GDPR

48.19.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li bl-introduzzjoni tal-GDPR, possibilment ser ikun hemm bżonn xi kambjament f'xi proċeduri amministrattivi. Huwa informa li jekk ikun il-każ, jinforma lill-membri tal-Kunsill.

## 48.20 Girgħien Development Brief;

48.20.1. Il-Kunsill qabel li, fl-assenza tas-Sindku JC din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 48.21 Delegi u Responsabiltajiet;

48.21.1. Il-Kunsill qabel li, fl-assenza tas-Sindku JC din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 48.22 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

48.22.1. Il-laqgħa intemmet fit-9.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 18 ta' Ġunju, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 18 ta' Ġunju, 2018.

| | |
|---|---|
| [Iffirmat] | [Iffirmat] |
| Joseph Baldacchino<br>Viċi-Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |